*Fl-isfond tat-twelid tal-Parroċċa tal-Mosta ...*

# L-aħwa Tommaso u Filippo Dingli

kitba ta' Louis VASSALLO



Il-knisja parrokkjali fl-ibliet u l-irħula Maltin u Għawdxin hi ċentru ta' qima u devozzjoni. Barra milli hija post pubbliku, il-knisja hi lok li żżewweġ f'ħolqa waħda dak li hu uman ma' l-element reliġjuż u spiritwali. Għalhekk f'kull proġett għall-bini ta' knisja ġdida, fost bosta oħrajn, kien u għadu meħtieġ sal-lum, is-sehem ta' arkitett ta' ħila biex ifassal il-pjanta u numru ta' artisti biex ikomplu jsebbħu t-Tempju t'Alla b'diversi opri ta' l-arti. Żgur li l-aħwa Tommaso u Filippo Dingli li jmorru lura sas-seklu sbatax, huma eżempju validu biex insaħħu din il-fehma. Ta' l-ewwel kien arkitett famuż waqt li l-ieħor stabbilixxa ruħu bħala pittur popolari, l-aktar fejn jidħol l-arti sagra. Ftit teżisti dokumentazzjoni dwar ġrajjiet dawn iż-żewġt aħwa ta' ċertu isem, imma se nagħmlu mill-aħjar biex minn dak li rnexxielna nsibu, inkunu nistgħu nsegwu l-passi ewlenin kemm ta' ħajjithom u kif ukoll tal-karriera brillanti tagħhom.

## Familja artistika

Il-ġenituri tagħhom kienu Ġakbu u Katerina Tabone, kunjom xbubitha. Meta wieħed iqis li Tommaso u Filippo trabbew ġo familja artistika, allura jasal biex jgħid li ma kinitx ħaġa diffiċli li dawn l-aħwa joħorġu jħobbu l-arti. Missierhom kien skultur, waqt li zijuhom Andrea kien perit u inġinier. Tajjeb li ngħidu wkoll li xi qraba min-naħa t'ommhom, rawmu fihom sens spiritwali u reliġjuż. Fil-fatt, Dun Marco Tabone li kien Kappillan ta' Ħ'Attard u l-Patri Dumnikan Angelo Tabone kienu jiġu l-kuġini t'ommhom Katerina.

## Inġinier ta' l-Ordni

L-arkitett Tumas Dingli twieled ġo Ħ'Attard nhar it-22 ta' Diċembru, 1591. F'żogħżitu tħarreġ tajjeb fil-matematika u l-arkitettura taħt Matteo Coglituri u kif ukoll ma' Giovanni Attard minn Ħaż-Żebbuġ. Sar inġinier u arkitett ta' l-Ordni tal-Kavallieri ta' San Ġwann u flimkien ma' l-arkitett Victor Cassar li kien jiġi iben l-imsemmi Ġilormu, ta s-sehem tiegħu fil-kostruzzjoni ta' fortizzi madwar dawn il-gżejjer. Bejn l-1610 u l-1614, kellu sehem ukoll fil-bini ta' l-Akwadott li nbena mill-Gran Mastru Alof de Wignacourt biex iwassal l-ilma minn taħt l-Imdina sal-belt il-ġdida, Valletta. Fost ix-xogħol attribwit lil Dingli fil-Belt Kapitali tagħna nsemmu, il-bieb il-qadim ta' Putirjal li kien magħruf bħala '*Porta San Giorgio*' u aktar tard bħala '*Porta Reale*' u kif ukoll il-Palazz Arċiveskovili li nbena mill-Isqof Baldassare Cagliares.



Dettal minn pittura li turi l-wiċċ ta' Tommaso Dingli, li għal xi raġuni mhix magħrufa, jidher b'għajnejh magħluqin!

## Knejjes parrokkjali

Barra mill-opri arkitettoniċi tiegħu fil-qasam tax-xogħlijiet pubbliċi, żgur li Dingli jibqa' mfakkar għal tant pjanti li ddisinja bil-għan li jinbnew xejn inqas minn tmien knejjes parrokkjali. Dawn huma: dik ta' Ħ'Attard, il-knisja l-qadima ta' Birkirkara, ta' Ħal Għargħur, ta' Ħaż-Żebbuġ, ta' Ħaż-Żabbar, tal-Gudja, u dik tan-Naxxar. Opra mill-isbaħ kienet ukoll il-knisja parrokkjali l-qadima tal-Mosta li bdiet tinbena fl-1610, imma li nħattet biex tagħti postha lir-Rotunda ta' Ġorġ Grognet de Vassè fi Frar 1860.

## Il-knisja l-qadima tal-Mosta

Minn pjanta tal-knisja l-qadima jidher ċar li kienet f'għamla ta' salib latin. Kellha bieb li jagħti għall-korsija u wieħed fuq kull naħa tal-kappelluni. Din il-knisja kienet imżejna b'koppla żgħira, waqt li fil-misraħ ta' quddiemha, kien hemm kolonna b'salib fuqha. Din kienet waħda mill-ewwel xogħlijiet ta' Tumas Dingli u għalhekk l-arkitett kien żgur għadu ma laħaqx l-aqwa fil-karriera tiegħu. Hu sab problemi arkitettoniċi li kien irid jara kif isolvi. Intant, żgur li dawn il-problemi għenuh biex jitgħallem aktar u jżid fl-esperjenza.

## It-tifsila

Ix-xebħ tal-faċċata ta' din il-knisja hu ċar meta



Din hi l-knisja l-qadima tal-Mosta li kellna darba – xogħol l-arkitett Tommaso Dingli
(ritratt bil-kortesija ta' Raymond Gauci)

mqabbel mal-knisja ta' Sant'Andrija f'Mantova, l-Italja, hekk kif ippjantata mill-arkitett Alberti. Xebħ ieħor jidher fl-istil ta' tliet niċeċ, meta wieħed iqabbel din il-faċċata ma' dawk ta' H'Attard u ta' Birkirkara. Il-knisja l-qadima tal-Mosta kellha żewġ kampnari u f'dak tax-xellug kien hemm arloġġ li jdoqq is-siegħat u l-kwarti permezz ta' żewġ qniepen. Fiha kont issib għaxar artali ddedikati lill-Madonna tar-Rużarju, lil San Pawl, lil San Kożma u San Damjan, lil San Ġużepp, lill-Madonna tal-Grazzja, lil Santu Rokku, lil San Duminku u lil Sant'Antnin ta' Padova, u l-artal f'ġieħ il-Lunzjata. L-artal maġġur maħdum b'sengħa kbira fl-1682, illum jinsab fil-Kor tar-Rotunda. Ma' dawn tajjeb li nsemmu wkoll l-artal tal-Kor. Fuq il-lemin tal-knisja, int u dieħel kien hemm il-Battisteru tal-Magħmudija li kien tlesta fl-1557. Dan juri li s-Sagrament tal-Magħmudija kien diġà jingħata lill-Mostin anki qabel ma l-Mosta saret parroċċa fl-1608. Maż-żmien bdiet tinħass ċkejkna u għal din ir-raġuni, ġiet imkabbra min-naħa tal-Kor, waqt li l-presbiterju twessa' wkoll. Il-paviment tal-qiegħa ta' l-art kien jospita l-oqbra tal-mejtin midfunin f'din il-knisja u dawn kienu miżmuma fi stat tajjeb ħafna. Il-Fratellanzi tar-Rużarju u tas-Sagrament kienu twaqqfu f'din il-knisja lejn l-aħħar tas-seklu sbatax.

## Lavur irfunut

Aktar tard fil-karriera ta' Tumas Dingli, insibuh jaħdem bħal '*scalpellino*' fil-knisja tal-Dumnikani fir-Rabat u kif ukoll fil-bini ta' l-Awla tal-kapitlu tal-Katidral ta' l-Imdina. Ħadem fil-Kunvent tal-patrijiet Agostinjani fir-Rabat. F'dan it-tip ta' xogħol, bla dubju jispikka l-lavur irfinut.

## Ħasra

Tommaso Dingli għex ħajja pjuttost twila, fejn lejn l-aħħar ta' ħajtu żżewweġ lil Arġenta mis-Siġġiewi u kellhom sitt itfal. Huwa miet nhar it-22 ta' Jannar 1666, fl-età ta' 75 sena u jinsab midfun fil-knisja parrokkjali ta' H'Attard taħt l-artal tal-Madonna tad-Duluri. Iżda l-ebda lapida jew tifkira oħra ma tfakkar dan il-fatt. Tassew ħasra!

Sfortunatament, bosta mill-knejjes tiegħu ma waslux sa żminijietna bla mittiefsa. Kien hemm minnhom li twaqqgħu biex jagħmlu wisgħa għal knisja akbar bħalma ġara fil-Mosta, waqt li oħrajn ġew abbandunati u minsijin bħal dik ta' Birkirkara jew ġew mibdula min-naħa ta' barra bħalma ġara f'Ħal Għargħur u l-Gudja. Il-knisja parrokkjali tan-Naxxar ġiet imkabbra b'tali mod li llum ftit li xejn baqagħla mill-oriġinal, hekk kif ippjana Dingli. Il-pjanti tiegħu wasslu lil tant komunitajiet parrokkjali biex isarrfu l-ħolm tagħhom f'realtà, dik li jkollhom knisja ġawhra fejn fiha jqimu lil Alla u fl-istess waqt tkun xempju ta' kburija u sodisfazzjon għal-lokalità tagħhom.

## 'Il-Misterjuż'

B'dispjaċir ikollna nistqarru li s'issa, l-ebda sors ta' informazzjoni eżistenti ma rnexxielha tagħtina d-dati tat-twelid u tal-mewt tal-pittur Filippo Dingli. Tant hu hekk li fil-ktieb '*The Iconography of the Maltese Islands 1400-1900*' ta' Mario Buhagiar isejjaħ lil dan l-artist bħala "... *the mysterious Filippo Dingli* ..." Madankollu minn dak li stajna nistħarrġu, se nagħmlu l-almu tagħna biex nitkixfu xi ftit fuq l-arti li ħallielna u li dan il-patrimonju għadna ngawduh sa żminijietna. Hu dmirna lkoll li dan il-wirt ngħadduh fi stat tajjeb lill-ġenerazzjonijiet ta' warajna. Filippo jew Filippino Dingli kien attiv fl-ewwel nofs tas-seklu sbatax u kien meqjus bħala l-aktar pittur ta' isem fost l-artisti Maltin ta' żmienu. Minn studji li saru fuq ix-xogħol tiegħu, joħroġ ċar li Filippo baqa' jużа stil ta' Manneriżmu li ma kienx għadu popolari f'dak iż-żmien. Iżda Filippu kompla jaħdem b'dan l-istil favorit tiegħu kif inhu rifless fil-kwadri li ħarġu minn taħt idejh.

## Skop

Tista' tgħid li l-maġġoranza tal-kwadri li pitter ġew iffirmati minnu u kif ukoll niżżel fuqhom dik id-data partikulari ta' meta jkun lesta l-opra artistika tiegħu. Apparti dan, Filippo Dingli kien iħobb jikteb ukoll il-frażi: "*Una artista Maltese*". X'aktarx li dan kien jagħmlu b'ċertu skop, biex jiddistingwi ruħu minn mewġa ta' xogħol barrani li fi żmienu bdiet titqanqal u tikber lokalment f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-Arti Sagra. Hemm min hu tal-fehma li Filippu jista' jkun li kien il-persunaġġ importanti fl-iżvilupp ta' l-arti f'Malta u li kien 'pont' bejn l-artist lokali fejn kien attiv fl-aħħar tas-seklu sittax, Giovanni Maria Abela u l-pitturi Maltin l-oħra. L-istil ta' Dingli fejn is-suġġett ewlieni kien jimla t-tila kollha, x'aktarx li kien ta' ispirazzjoni għall-pittur magħruf Stefano Erardi (1630-1716).



Il-kwadru titulari tal-Madonna flimkien ma' Santa Katerina, San Ġużepp u San Bartilmew – xogħol Filippo Dingli – irnexxielu jsalva minn qerda totali meta fl-aħħar gwerra dinjija ġiet attakkata minn bombardament mill-ajru l-kappella tal-Kunċizzjoni li fiha kien jinsab meqjum.



Il-kwadru titulari tal-kapella Mostija f'ġieh Sant'Andrija. Innotaw il-kobor tal-figura li timla t-tila kollha. Dan l-istil ta' Filippo Dingli, x'aktarx kien ta' ispirazzjoni għal Stefano Erardi.

## Partikulari

Ikun sewwa u xieraq jekk nibdew din it-titwila artistika lejn il-kwadri sagri li pitter dan l-artist għall-Parroċċa tal-Mosta billi nsemmu kwadru partikulari li fl-imgħoddi kien ukoll fuq wieħed mill-artali li kellha l-knisja l-qadima, ippjantata minn ħuh Tumas. Fil-fatt dan l-artal kien ġie mwaqqaf minn Dun Salv Muscat. Illum, il-kwadru tan-Nawfraġju ta' San Pawl jinsab jistrieħ fil-għoli f'nofs il-gwarniċun tas-sagrestija tar-Rotunda, in-naħa ta' fejn hemm il-mafkar tal-bomba.

## Fil-kappelli tal-Mosta

B'xorti tajba, erba' kappelli Mostin għandhom il-kwadru titulari tagħhom impitter minn Filippu Dingli. Il-kwadru tal-kappella ta' San Leonardu ta' Limoges ġie mpitter fis-snin erbgħin tas-seklu sbatax. Din il-pittura turi l-Madonna tal-Grazzji mdawwra b'San Anard, San Ġwann il-Battista, San Bernard u l-erwieħ tal-Purgatorju.

Il-kappella ta' l-Immakulata Kunċizzjoni, ta' l-Għandar il-Blat, jew Derimblat, kellha kwadru mpitter minn Dingli li juri lil Marija Immakulata bil-Missier Etern, li jidhru fil-parti ta' fuq tal-kwadru, imdawwrin bl-anġli. Fil-parti t'isfel naraw lil San Ġużepp u San Bartilmew fuq naħa waqt li fuq in-naħa l-oħra tidher Santa Katerina Verġni u Martri. B'xorti tajba dan il-kwadru ħarab il-qerda tat-tieni gwerra dinjija meta din il-kappella ntlaqtet waqt bombardament u ġarrbet ħsarat kbar, iżda reġgħet inbniet fuq l-istess lok u stil permezz ta' finanzi li ġew mill-fond tal-*War Damage*. Dan il-kwadru għadu jeżisti sal-lum. Fi żmien l-aħħar gwerra, din il-kappella kienet qrib il-mitjar ta' Ta' Qali.

Fl-1657 Dingli pitter il-kwadru titulari għall-kappella ta' San Anton Abbati. Dan il-qaddis ġie mogħti bixra ta' xwejjaħ, qed iserraħ fuq bastun li għandu marbuta miegħu qanpiena ċkejkna. Il-kappella hija marbuta wkoll mat-tradizzjoni tat-tberik ta' l-annimali fit-tielet ħadd ta' Jannar.

Il-kwadru titulari ta' l-Appostlu Sant'Andrija ġie mpitter minn dan l-artist u għadu sal-lum merfugħ fil-kappella ddedikata lilu fejn tinsab f'zona pastorali tal-parroċċa tal-Mosta. Għalkemm xejn mhu ċert, hawn min jaħseb li l-kwadru titulari li jirrappreżenta n-Nawfraġju ta' San Pawl u li jinsab fil-kappella solitarja ta' San Pawl tal-Qlejja, hu xogħol Filippu Dingli.

## Inżuru

Wara li tajna daqqa t'għajn għarriexa lejn l-opri tiegħu li jinsabu fil-Mosta, sejrin bil-ħsieb tagħna nżuru numru ta' lokalitajiet f'Malta biex nittawlu b'mod kurjuż lejn xi xogħlijiet ta' Filippo Dingli li jispikkaw fuq oħrajn. Mario Buhagiar fl-istess ktieb li semmejna qabel, isemmi żewġ kwadri ta' Dingli bħala eżempju xieraq għat-talent artistiku li kien jippossiedi. Kwadru minnhom kien pittru għall-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ f'Ħal Qormi u li llum jinsab fil-limiti ta' din il-belt, ġewwa l-knisja 'Tal-Ħlas'. Waqt li l-ieħor jinsab fil-Ħal Għargħur u li jirrappreżenta lil Santa Marija Maddalena. Dan il-kwadru hu ffirmat mill-artist innifsu flimkien mad-data 1660. Din l-opra tassew sabiħa li llum tinsab fil-kappella ddedikata lil din il-qaddisa, kienet fil-knisja l-qadima ta' dan ir-raħal.

F'din l-istess lokalità, preċiżament fil-kappella ta' Santa Marija magħrufa bħala 'Taż-Żellieqa', għadhom jeżistu tliet kwadri li huma xogħol Filippo Dingli. L-ewwel kwadru huwa dak tal-Madonna tal-Karmnu flimkien ma' San Mikiel u Sant'Agata. Nilħmu kwadru ieħor li jirrappreżenta lill-Madonna bil-

Bambin imwensin minn Santu Rokku u San Bastjan. Waqt li t-tielet kwadru jurina xbieha tal-Lunzjata. Il-tlieta flimkien kienu fuq tliet artali laterali fil-knisja parrokkjali ta' Hal Gharghur. Naqbżu qabża sal-kappella ta' Santa Marija, imsejħa 'Ta' Bernarda', fejn fiha niltaqgħu ma' opra oħra ta' Dingli. Dan hu l-kwadru ferm qadim li jirrappreżenta lill-Kunċizzjoni u li l-firma ta' l-artist tidher fir-rokna t'isfel, fin-naħa tal-lemin. U la qegħdin interrqu, fil-ħsieb tagħna, madwar l-inħawi tal-Mosta, xieraq li nsemmu l-kwadru titulari li jirrappreżenta lill-Madonna bil-Bambin u li jinsab meqjum fil-kappella ta' Santa Marija, magħrufa bħala 'Tax-Xagħra' – xogħol Filippo Dingli wkoll.

## Tagħrif

Fuq dan il-kwadru partikulari li jinsab fin-Naxxar, insibu tagħrif ferm interessanti dwaru. Fl-1618, l-Isqof Cagliares kien ipprofana l-kapella ta' Santa Marija 'Tax-Xagħra', waqt li l-kwadru ewlieni ttieħed fil-knisja parrokkjali ta' l-istess raħal. Maż-żmien, fl-1644 inbniet kappella oħra fejn ġie mpitter għaliha, kwadru titulari ġdid – xogħol Filippo Dingli. Jidher li mal-bini ġdid, il-kappella bdiet tissejjaħ 'Delle Grazie', iżda l-festa xorta waħda baqgħet tiġi ċċelebrata fil-15 t'Awwissu! Fir-rapport ta' l-Isqof ta' l-1653, insiru nafu li din il-kappella kellha kwadru titulari ġdid li kien jirrappreżenta lill-Madonna fin-naħa ta' fuq, u San Pietru u l-Maddalena fin-naħa t'isfel maż-żewġ xaqlibiet tal-kwadru. Dari, fl-istess pittura kien jidher fin-naħa t'isfel, il-kavallier Petris de Blacas li hu l-benefattur ta' din l-opra artistika. X'aktarx li dan il-kavallier kien il-kaptan fit-torri ta' l-istess isem, ftit passi 'l bogħod minn din il-kappella.

## Titneħħa

Rapport li jqajjem interess qawwi hu dak li sar fl-1716 mill-Isqof Cannaves meta kien żar din il-kappella Naxxarija. Dan l-Isqof jagħti deskrizzjoni tal-Madonna u Binha Ġesù f'idejha waqt li b'idha tax-xellug kienet qed ixxerred il-ħalib minn sidirha.[1] Apparti l-Appostlu San Pietru u Marija Maddalena, kienu jidhru wkoll f'dan il-kwadru, l-arma tal-Gran Mastru Lascaris u taħtha l-arma tal-Kavallier de Blacas. Fuq kollox kien hemm il-figura ta' dan il-kavallier li l-Isqof ta ordni biex titneħħa. Minn dan ir-rapport joħroġ ċar li kien hemm żewġ kitbiet. Waħda minn min kien ordnaha u f'liema sena saret, jiġifieri l-isem tal-kavallier innifsu u d-data 1642, waqt li l-oħra tistqarr li Filippo Dingli kien l-artist li pitter dan il-kwadru.

## Popolarità

Minn tagħrif li wasal għandna, nafu wkoll li tinsab pittura ta' Filippu Dingli fis-Siġġiewi u x'aktarx li fil-gżira Għawdxija ma nsibu l-ebda pittura minn tiegħu. Jista' jagħti l-każ li l-popolarità tiegħu kienet imwieżna minn xi kelma li seta' għaddielu ħuh Tumas, li dan ta' l-aħħar kien midħla sew kemm ta' l-Ordni kif ukoll tal-kleru. B'dan il-kumment, b'ebda mod ma rridu nnaqsu mill-kapaċità artistika li kien jippossiedi Filippu Dingli. Iżda kif sa minn dejjem kienet imfassla dammet il-ħajja tal-Maltin, kull 'qaddis' u kull parrinu jgħin qatiegħ biex b'xi mod ħafif u bla xkiel żejjed, tkun tista' tterraq trankwill mal-mogħdija tat-trejqa mħarbta!

## Nistħajlu

F'għeluq ir-raba' ċentinarju mit-twaqqif tal-parroċċa tal-Mosta, hija okkażjoni mill-isbaħ biex filwaqt li nħarsu lura lejn il-passat ta' missirijietna, nittamaw b'tama u b'ħerqa lejn il-futur ta' din l-ikbar parroċċa fil-gżejjer Maltin. Għakemm dawn l-aħwa ma kienux Mostin, ħabirku biex bit-talenti tagħhom isebbħu l-Mosta u l-knejjes tagħha għall-ikbar ġieħ u glorja tal-Mulej Alla u tal-Patruna ta' din il-lokalità u tagħhom bħala parruċċani minn Ħ'Attard, jiġifieri lil Marija Assunta. F'din il-kitba ma kienx il-ħsieb tiegħi li nfassal xi teżi dwar dawn l-aħwa! Għal dan il-mistier hawn studjużi u awturi ta' ħila li lkoll huma esperti fil-qasam tar-riċerka. Ridt biss li f'artiklu wieħed u sħiħ, nittawlu minn tieqa mbexxqa lejn dawn l-aħwa flimkien. U permezz ta' dak li sawwru, nittantaw nistħajlu f'moħħna dak li rsistew għalih madwar 400 sena ilu fl-isfond tat-twelid tal-parroċċa tagħna u ta' dak li seħħ f'pajjiżna meta s-salib tat-tmien ponot kien is-simbolu ta' ħakma fuq missirijietna.

Id-drawwa li jpittru lill-Madonna xxerred il-ħalib minn sidirha fuq l-ilsiera ta' taħtha, hi qadima ħafna. Fil-poema epika 'Il-Ġifen Tork' ta' Ġalanton Vassallo miktuba fl-1842 insibu silta li tagħti skop lil din id-devozzjoni:

*Il-ħalib tal-ħniena tiegħek*
*Dejjem xtered għall-miskin;*
*Qatra minnu biss nixtiequ*
*Fuq irjushom l-imjassrin.*

Qatra minnu tkun biżżejjed
Biex inkunu meħlusin.

***Referenzi:***

[1] *George Cassar u Joseph GM Borg, 'Il-Mosta, il-Mostin u r-Rotunda tagħhom matul iż-żminijiet', (Malta, 2007).*
[2] *Mario Buhagiar, 'The Iconography of the Maltese Islands 1400-1900', Painting, (Italy, 1988).*
[3] *Francis Pace, 'Il-Gargur, in-nies u l-knejjes tiegħu', (Malta, 2000).*
[4] *Tony Terribile, 'Teżori fil-Knejjes Maltin – Gargur, Mosta, Naxxar, (Malta, 2005).*
[5] *Victor J. Galea, 'Qwiel u Qaddisin', (Għawdex, 1999).*
[6] *Programm tal-Festa tal-Vitorja 2007 – Parroċċa tan-Naxxar – Tommaso Dingli (1591-1666)' kitba ta' Cyprian Dalli, il-Kappella ta' Santa Marija tax-Xagħra' kitba ta' Paul Catania.*
[7] *Niżżi ħajr lill-istoriku s-Sur Ġiljan Bezzina għal tagħrif li għoġbu jgħaddili dwar Filippo Dingli.*

N.B. *Ir-ritratti taż-żewġ kwadri ta' Filippo Dingli qed jiġu ppubblikati bil-kortesija ta' PIN-Pubblikazzjonijiet Indipendenza u ta' Tony Terribile.*